**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 28/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**vs**
**Constantine Borg**

**Illum 28 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti;**

**Preżentat lill;**

**Constantine Borg** ta' 51 sena iben Andrea u Margerita nee' Tanti, imwieled Birkirkara fid-09 t'Ottubru 1967 u resident 14, Jurelin, Triq is-Sisla, Birkirkara. ID 408667 (M).

**Akkużat talli:**

Nhar l-14 ta' Jannar 2019 għall-ħabta tat-tmienja neqsin kwart ta' filgħodu (07:45hrs) ġewwa Triq l-Imdina, Attard.

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Matthew Abela Medici skont kif iċċertifika Dr. Winston Bartolo M.D. mil-Isptar Mater Dei M.D. u dan ai terminu tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni w il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied. (Art 338 (dd) Kap 9)

Rat li l-imputazzjonijiet ġew moqrija u ikkonfermati bil-ġurament fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2019 quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni fis-seduta datata 28 ta' Novembru 2024 u wara li l-Qorti tat lill-imputat żmien biżżejjed biex jekk irid jerġa' jkellem lill-avukat tiegħu u wara li l-Qorti tati żmien biżżejjed, wara li reġgħet staqsietu ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fatt li l-Qorti ma kellhiex għalfejn taħli iżjed ħin tiġbor il-provi u setgħet tgħaddi għas-sentenza. Fiċ-ċikostanzi l-Qorti tħoss li piena karċerarja effettiva ma tkunx idoneja.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoku 216 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tillibera lill-ħati Constantine Borg bil-kundizzjoni li ma jagħmel l-ebda reat ieħor sa żmien tlett (3) snin mil-lum u tqiegħed lill-ħati Constantine Borg taħt ordni ta' trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal zmien tlett (3) snin biex jindirizza l-problemi ta' "anger" li għandu.**

**Il-Qorti timponi wkoll ordni ta' trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-persuna protetta hija dik ta' Matthew Abela Medici fejn l-imputat huwa prekluż milli jkellem jew javviċina direttament jew indiretgtament lill-istess Matthew Abela Medici għal-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Fabiana Grech**
**Deputat Reġistratur**